

It-Tlieta 7 ta' Settembru 2010

- wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissarju Janusz Lewandowski lill-President Buzek tad-9 ta' Lulju 2010,
 - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 2/2010, li l-Kunsill stabbilixxa fis-26 ta' Lulju 2010 (12583/2010 – C7-0194/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75b u 75e tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0240/2010),
- A. billi l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 2/2010 tkopri l-organigramma tal-Uffiċċju tal-KREKE (Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi),
- B. billi l-iskop tal-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 2/2010 huwa li dan l-aġġustament baġitarju jiddaħħal b'mod formali fil-baġit tal-2010,
- C. billi l-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fis-26 ta' Lulju 2010,
1. Jieħu nota tal-Abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 2/2010;
 2. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ta' emenda Nru 2/2010 mingħajr emendi u jaġhti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-baġit ta' emenda Nru 3/2010 ġie adottat b'mod definittiv u jiżgura li jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jaġhti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Fteħima bejn l-UE u l-Ġappun dwar assistenza legali reċiproka f'materji kriminali

P7_TA(2010)0297

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Fteħima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar l-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali (05308/2010 – C7-0029/2010 – 2009/0188(NLE))

(2011/C 308 E/25)

(Approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (05308/2010),
- wara li kkunsidra l-abbozz ta' fteħima bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun dwar l-assistenza legali reċiproka f'materji kriminali (15915/2009),
- wara li kkunsidra it-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 82(1), it-tieni subparagrafu, punt (d) u l-Artikolu 218(6) it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0029/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0209/2010),

It-Tlieta 7 ta' Settembru 2010

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Ġappun.

Il-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Korea ***I

P7_TA(2010)0301

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles UE-Korea (COM(2010)0049 – C7-0025/2010 – 2010/0032(COD))

(2011/C 308 E/26)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-proposta ġiet emendata fis-7 ta' Settembru 2010 kif ġej⁽¹⁾:

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI

EMENDA

Emenda 1

Proposta għal Regolament Premessa 3 a (ġdida)

(3a) Ostakoli kummerċjali fis-suq intern ta' msieħeb kummerċjali għandhom tendenza li jappoġġaw esportazzjonijiet minn dak is-suq 'l barra u jekk ikun lejn l-Unjoni Ewropea b'hekk ikunu jistgħu jiġġeneraw il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja.

Emenda 2

Proposta għal Regolament Premessa 5

(5) Jistgħu jitqiesu miżuri ta' salvagwardja biss jekk il-prodott ikkonċernat jiġi impurtat fl-Unjoni fi kwantitajiet daqstant ikbar min-normal u taħt tali kundizzjonijiet li jikkawża, jew jhedded li jikkawża, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta kif stabbilit fl-Artikolu 3.1, Kapitolu 3 tal-Ftehim. Kapitolu 3 tal-Ftehim.

(5) Jistgħu jitqiesu miżuri ta' salvagwardja biss jekk il-prodott ikkonċernat jiġi impurtat fl-Unjoni fi kwantitajiet daqstant ikbar min-normal **jew tiżdied l-attività ekonomika konċernata b'tali miżura**, u taħt tali kundizzjonijiet li jikkawża, jew jhedded li jikkawża, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti **jew attivitajiet ekonomiċi** simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta kif stabbilit fl-Artikolu 3.1, Kapitolu 3 tal-Ftehim. Kapitolu 3 tal-Ftehim.

Emenda 3

Proposta għal Regolament Premessa 5 a (ġdida)

(5a) Dannu serju jew theddida ta' dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni jistgħu wkoll jiġu kkawżati bin-nuqqas ta' osservanza ta' obbligi speċifiċi tal-Kapitolu 13 tal-Ftehim - b'mod partikulari f'dawk li huma l-istandards soċjali u ambjentali stipulati fih - li b'hekk tkun meħtieġa l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja.

⁽¹⁾ Il-kwistjoni ġiet imbgħad riferuta lura lill-kumitat skont l-Artikolu 57(2), it-tieni subparagrafu (A7-0210/2010).